**3 ta' Frar, 1988**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo Scicluna LL.D.**

Paul Deguara

*versus*

Raymond Chilton

**Kolliżjoni – *"Sudden Emergency"* – *"Evasive Action"***

*Bil-manuvra li għamel, l-attur ikkreja "a sudden emergency" lill-konvenut li f'dawk iċ-ċirkostanzi kien ġie kostrett jieħu xi xorta ta' "evasive action". Inutli li wieħed joqgħod jgħid kif imissha rreaġixxiet persuna li kienet involuta f'kolliżjoni meta din tkun ġiet rinfaċċjata b' "a sudden emergency" ikkawżata mill-parti l-oħra. Din hija ħaġa psikoloġika u mhux kulħadd jirreaġixxi l-istess, fl-istess ċirkostanzi.*

Il-Qorti: –

Rat l-att ta' ċitazzjoni ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li bih premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni; billi fl-10 ta' Frar, 1983, għall-ħabta tas-1.45 p.m., ġo Għeriexem Street, Rabat, waqt li kien qed isuq il-vettura *Land Rover* Reg. No. M – 0238 il-konvenut bi traskuraġni, negliġenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku ħabat ma' vettura oħra Reg. No. B – 3336 proprjetà

ta' l-attur;

Billi b'konsegwenza ta' l-istess kolliżjoni l-attur sofra danni konsiderevoli fil-karozza tiegħu, inklużi *'loss of use'* u danni aċċessorji oħra kif jiġi ppruvat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

Billi nonostante diversi talbiet inkluża talba permezz ta' ittra bonarja datata 15 ta' Ġunju, 1983, il-konvenut naqas milli jaddivjeni għal-likwidazzjoni u konsegwenti ħlas ta' danni minnu hekk ikkaġunati lill-attur inkluża *'loss of use'* u danni aċċessorji oħra;

L-attur talab lill-konvenut jgħid għaliex għar-raġunijiet fuq premessi ma għandhiex din il-Qorti:

1) tiddikjara u tiddeċidi illi l-konvenut kien responsabbli għall-kolliżjoni li ġrat ġo Għeriexem Street, Rabat, nhar l-10 ta' Frar, 1983, bejn il-vettura *Land Rover* Reg. No. M – 0238 misjuqa mill-konvenut u l-vettura Reg. No. B – 3336, għall-konsegwenti danni sofferti mill-attur fil-karozza tiegħu, inklużi *'loss of use'* u danni oħra li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

2) tillikwida d-danni hekk sofferti mill-attur, okkorrendo permezz ta' periti nominandi;

3) tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma hekk likwidata in forza tat-tieni domanda ta' din iċ-ċitazzjoni bħala rappreżentanti l-ammont ta' danni kkaġunati mill-konvenut lill-attur fil-kolliżjoni ndikata. Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra bonarja datata 15 ta' Ġunju, 1983, kontra l-konvenut;

Rat l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, fis-sens illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante li l-kolliżjoni msemmija fiċ-ċitazzjoni ta' l-attur ġrat unikament tort ta' l-istess attur;

Rat is-sentenza tat-18 ta' April, 1986, mogħtija mill-Onorabbli Qorti Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li biha ddeċidiet il-kawża billi laqgħet it-talbiet attriċi;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut ippreżentata fit-28 ta' April, 1986;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell tal-konvenut Raymond Chilton ippreżentata fit-13 ta' Mejju, 1986, li biha l-appellant talab bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata tat-18 ta' April, 1986, tiċħad it-talbiet ta' l-attur appellat u minflok tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u tiddikjara lill-attur unikament responsabbli għall-kolliżjoni in kwistjoni u dan bl-ispejjeż taż-żewġt istanzi kontra l-attur appellat;

Rat ir-risposta ta' l-attur appellat ippreżentata fit-3 ta' Ġunju, 1986;

Rat l-atti l-oħra kollha rilevanti u opportuni;

Ittrattat l-appell;

Ikkunsidrat:

*Omissis;*

Illi mir-rapport ta' l-istess perit jirriżulta li huwa kien wasal għall-konklużjoni li l-inċident *"de quo"* issuċċeda billi l-attur dar il-kantuniera *"wrong side"* u meta ra lill-konvenut ġej faċċata tiegħu kiser fuq ix-xellug tiegħu biex imur fuq in-naħa korretta tat-triq (para. 26 Rapport). Mill-pjanta Dok. A, jidher li t-triq malli ddur il-kantuniera f'Għeriexem Street, wara ċertu punt għad li fuq ix-xellug din tibqa' dritta, fuq in-naħa l-oħra tiftaħ xi ftit lejn il-lemin. Lis-Surġent li ġie fuq il-post biex jieħu konjizzjoni tal-kolliżjoni, il-konvenut qallu li hu kien ġej proprju minn dik in-naħa u li kif wasal fejn it-taraġ (mal-lemin tiegħu) indikat fl-*isketch*, ra l-karozza ta' l-attur ġejja miexja *"wrong side"* dritt għal fuqu. Malli huwa ra hekk il-konvenut ġibed lejn il-lemin tiegħu u billi l-attur ġibed lejn ix-xellug, b'hekk ġie li t-tnejn marru f'direzzjoni waħda u ħabtu. Min-naħa tiegħu l-attur ukoll ta l-verżjoni tiegħu lis-Surġent. Qallu li malli lewa l-kantuniera huwa ra l-*Land Rover* tal-konvenut ġejja min-naħa opposta però *wrong side* u baqa' dieħel ġo fih. Wara l-ħabta l-karozzi spiċċaw fil-posizzjoni kif inhi ndikata fl-*"isketch"* Dok. A;

Illi minn eżami tal-posizzjoni ta' kif instabu l-karozzi wara l-inċident kif tirriżulta fl-*isketch* Dok. A, kif ukoll minn fejn il-karozzi sofrew fuqhom id-daqqiet rispettivi, jirriżulta li b'ebda mod ma seta' l-inċident isir kif allega l-attur. In fatti kieku kif qal l-attur huwa kien miexi fuq in-naħa tiegħu tat-triq u kwindi mill-*"point of impact"* 'il ġewwa, l-ewwelnett kienet tkun faċli għall-konvenut biex huwa jevita l-kolliżjoni bl-*ispeed* li kien miexi bih, u dan billi jilwi għax-xellug tiegħu u fit-tieni lok b'ebda mod ma setgħu l-karozzi tagħhom jispiċċaw fil-posizzjoni ndikata fl-*isketch*. Fit-tielet lok kieku l-ħabta ġrat kif jallega l-attur id-daqqa fuq il-karozza tal-konvenut kienet tkun pjuttost lejn in-naħa tal-lemin ta' quddiem u d-daqqa fuq il-karozza ta' l-attur kienet

tkun fuq quddiem testendi għal-lemin. Fil-fatt però rriżulta li d-daqqa fuq il-karozza ta' l-attur kienet fuq ir-rota tal-lemin testendi fuq il-*'front mudguard'* u x-xibka ta' quddiem u d-daqqa fuq il-*Land Rover* qiegħda fuq il-*bumper* ta' quddiem *front panel* u l-*mudguard* tax-xellug;

Illi minħabba dawn ir-raġunamenti fil-fehma tal-Qorti l-verżjoni ta' kif ġraw il-fatti mogħtija mill-attur għalhekk hija inverosimili. Hija attendibbli ħafna però dik tal-konvenut. Skond dan hu kien ġej mid-direzzjoni ta' l-Għeriexem jiġifieri dik opposta għal dik ta' l-attur, sab lil dan ġej fid-direzzjoni tiegħu fuq in-naħa ħażina tat-triq u b'hekk kien qed jimblokkalu t-triq. F'dan il-mument f'tentattiv biex jevita l-ħabta huwa lewa lejn il-lemin tiegħu. Il-ħabta però saret xorta waħda għaliex f'dan il-mument kruċjali l-attur lewa lejn ix-xellug tiegħu biex imur fuq in-naħa tiegħu tat-triq. L-*evasive action* li ħadu ż-żewġ partijiet kienet inutili u dawn ħabtu fejn hemm indikat fl-*"isketch"* Dok. A. Il-posizzjoni ta' kif ġew il-karozzi wara l-ħabta tkompli ssaħħaħ din il-verżjoni;

*Omissis;*

Fil-fehma tal-Qorti bil-manuvra errata li għamel, l-attur ikkrea *"a sudden emergency"* lill-konvenut li f'dawk iċ-ċirkostanzi kien ġie kostrett jieħu xi xorta ta' *"evasive action"*. Din il-Qorti ġà kellha okkażjoni oħra fejn ippronunzjat ruħha f'każ simili dwar l-implikazzjonijiet legali nvoluti (ara John Debattista *vs* Maria Theresa Vella *et* deċiża minn din il-Qorti fit-2 ta' Novembru, 1987). Inutili li wieħed joqgħod jgħid kif imissha rreaġixxiet persuna li kienet involuta f'kolliżjoni meta din tkun ġiet rinfaċċjata b' *"a sudden emergency"* ikkawżata mill-parti l-oħra. Din hija ħaġa psikoloġika u mhux kulħadd

jirreaġixxi l-istess, fl-istess ċirkostanzi. F'dan il-każ wieħed jista' jgħid li, kieku ma kinitx il-manuvra errata ta' l-attur il-kolliżjoni ma kinitx issir. Hekk insibu fil-*"Manual of Motor Vehicle Law" (Horsely and Foster p. 120): "If the driver outs the corner and confronts another driver with the imminent prospect of a collision he cannot complain if that other adopts an unwise manouvre in attempting to avoid it"*. (Ara wkoll *Bingham's Motor Claims Cases pages 33, 34). Li ġara f'dan il-każ huwa li s-sewqan ħażin* ta' l-appellat ikkrea sitwazzjoni tali li l-konvenut ma setax jevita l-ħabta bl-*"evasive action"* li ħa. Għalhekk hija l-fehma ta' din il-Qorti li l-konvenut m'għandux jiġi ritenut b'xi mod responsabbli għall-kolliżjoni ta' l-10 ta' Frar, 1983;

Illi billi din il-Qorti waslet għal din il-konklużjoni ma tara ebda skop utili li tikkunsidra t-tielet aggravju ta' l-appellant li jirrigwarda l-likwidazzjoni tad-danni;

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċidi billi tilqa' l-appell tal-konvenut appellant, tirrevoka s-sentenza appellata tat-18 ta' April, 1986, u tiċħad it-talbiet ta' l-attur appellat;

L-ispejjeż taż-żewġt istanzi għandhom jiġu sopportati mill-attur appellat.